

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1136**tal-14 ta' Ġunju 2017****li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiki protetti (Emmental de Savoie (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) B'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat it-talba mressqa minn Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Emmental de Savoie", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ⁽²⁾.
- (2) Permezz tal-ittra tat-23 ta' Novembru 2015, l-awtoritajiet Franċiżi kkomunikaw mal-Kummissjoni li perjodu tranżitorju skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017 ingħata lil operatur li huwa stabbilit fit-territorju tagħhom u li jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dak l-Artikolu skont l-Ordni tad-29 ta' Ottubru 2015 dwar l-indikazzjoni ġeografika protetta "Emmental de Savoie" ppubblikata fis-7 ta' Novembru 2015 fil-*Journal officiel de la République française* (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża). Matul il-proċedura ta' oppożizzjoni nazzjonali, dan l-operatur, li legalment ikkummerċjalizza l-"Emmental de Savoie" b'mod kontinwu għal mill-inqas ħames snin qabel ma ppreżenta l-applikazzjoni, kien ressaq oppożizzjoni dwar il-porzjon minimu ta' 50 % ta' għalf oħxon aħdar fir-razzjon bażiku tal-baqar tal-ħalib għal mill-inqas 150 ġurnata kull sena. Ir-raġuni għal din l-oppożizzjoni hija li huwa kellu bżonn xi żmien biex jadatta l-azjenda agrikola tiegħu. L-operatur inkwistjoni huwa GAEC Le Seysselan, Vallod, 74910 SEYSSEL.
- (3) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.
- (4) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-emenda tal-ispeċifikazzjoni tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna d-denominazzjoni "Emmental de Savoie" (IĠP), hija b'dan approvata.

Artikolu 2Il-protezzjoni prevista skont l-Artikolu 1 hija soġġetta għall-perjodu tranżitorju mogħti minn Franza skont l-Ordni tad-29 ta' Ottubru 2015 dwar l-indikazzjoni ġeografika protetta "Emmental de Savoie", ppubblikata fis-7 ta' Novembru 2015 fil-*Journal officiel de la République française* skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, lill-operatur li jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dak l-Artikolu.⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiki u denominazzjonijiet ta' oriġini skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠUL 148, 21.6.1996, p. 1).⁽³⁾ ĠUC 64, 28.2.2017, p. 8.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni*
